MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 574/2012

Appell Nru: 574/2012 MM

Il-Pulizija

(Spettur Saviour Baldacchino)

vs

Francis Stivala

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellat Francis Stivala, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 915346M akkuzat talli:

Bhala l-persuna responsabbli w jew liċenzjata tal-kumpanija *Coot Services Ltd.* – C 41955, fil-kapaċita` tiegħu jew ta' detentur tal-liċenzja AH/0195, fid-19 ta' Lulju 2011, u fil-ġranet ta' qabel, f'Chantilly Court Aparthotel, fi Triq l-Universita`, l-Imsida:

Bi Ksur ta' l-Art. 43(1)(b) ta' l-Att ta' 1999 dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, Kap. 409, u bi ksur tar-regolamenti numru 10(1) u 10(2) ta' l-Avviż Legali 82 ta' 2002 (Regolamenti ta' l-2002 dwar Stabbilimenti t'Akkomodazzjoni Turistika), naqas milli josserva l-kundizzjonijiet tal-liċenzja, kif stipulat fit-Tielet Skeda intitolata 'Aparthotel – ta' l-Avviż Legali 82 ta' l-2002 (Regolamenti ta' l-2002 dwar Stabbilimenti t'Akkomodazzjoni Turistika),

1. bi ksur tar-regolament 6.2.1.1. fl-appartament 9A naqas milli jipprovdi soda ta' daqs 85 X 190 ċmtru għal soda waħda; u

2. bi ksur tar-regolament 6.2.1.1. fl-appartamenti 9A, 12A, 13A, 19 u 19A naqas milli jipprovdi gwardarobba b'5 spallieri simili għal kull persuna; u

3. bi ksur tar-regolament 6.2.3.7 fl-appartamenti 9A, 12A, 13A, 19 u 19A naqas milli jipprovdi faċilita` li tagħmel telefonati interni diretti mill-kamra; u

4. bi ksur tar-regolament 6.2.3.20 fl-appartamenti 9A u 13A naqas milli jipprovdi fi stat tajjeb pjan ta' ħruġ waqt emerġenza li jintwera fuq ġewwa tal-bieb mnejn tidħol fil-kamra; u

5. bi ksur tar-regolament 6.2.4.3 fl-appartament 13A, naqas milli jipprovdi mtieraħ fi stat tajjeb; u

6. bi ksur tar-regolament 6.2.4.6 fl-appartament 12A, naqas milli jipprovdi għata tas-sodda fi stat tajjeb;

7. bi ksur tar-regolament 6.2.4.7 fl-appartamenti 13A u 9A naqas milli jżomm il-ħitan fi stat tajjeb fil-kamra tas-sodda; u

8. bi ksur tar-regolament 6.2.4.10 fl-appartamenti 13A, 19, 19A u 9A naqas milli jipprovdi għamara fi stat tajjeb; u

9. bi ksur tar-regolament 6.3.4.2 fl-appartamenti 13A, 12A, 9A, 19 u 19A naqas milli jipprovdi porċellana sanitarja fi stat tajjeb; u

10. bi ksur tar-regolament 6.3.4.7 fl-appartamenti 13A, 12A u 19A naqas milli jipprovdi fi stat tajjeb mixers tal-banju; u

11. bi ksur tar-regolament 6.4.4 fl-appartamenti 13A, 12A, 9A, 19 u 19A naqas milli jipprovdi ventilazzjoni furzata jew estrazzjoni viċina għal post fejn isir it-tisjir; u

12. bi ksur tar-regolament 6.4.1.6 fl-appartamenti 13A, 12A, 9A, 19 u 19A naqas milli jipprovdi cupboard tal-kċina fi stat tajjeb; u

13. bi ksur tar-regolament 6.4.1.9 fl-appartamenti 12A u 19A naqas milli jipprovdi refrigerator bil-freezer fi stat tajjeb; u

14. bi ksur tar-regolament 7.3.1 naqas milli jipprovdi mmarkar b'sinjali għal kamra tal-banju pubblika fil-blokk B; u

15. bi ksur tar-regolament 7.4.1. naqas milli jipprovdi kuriduri u passaġġi fi stat tajjeb; u

16. bi ksur tar-regolament 7.3.2 naqas milli jipprovdi extractor bil-lift fil-blokk Ċ f'kundizzjoni tajba ta' tħaddim; u

17. bi ksur tar-regolament 8.4.2 naqas milli jipprovdi fi stat tajjeb il-banju (tal-kamra tal-banju) f'aeri pubbliċi; u

18. bi ksur tar-regolament 13.1.12 naqas milli jipprovdi dokumentazzjoni li sar eżerċizzju mill-inqas wieħed fis-sena, t'emerġenza w evakwazzjoni għall-persunal; u

19. bi ksur tar-regolament 13.1.3 naqas milli jipprovdi avviżi t'emerġenza w evakwazzjoni għall-persunal; u

20. bi ksur tar-regolament 13.1.6 naqas milli jinżammu records tal-manutenzjoni u t-tiswijiet minn nies professjonali; u

21. bi ksur tar-regolament 13.3.2 naqas milli jipprovdi ħruġ t'emerġenza li jinfetħu l-barra.

Il-prosekuzzjoni talbet ukoll li jekk l-imputat jinstab ħati minn l-Onorabbli Qorti, jiġi kkundanat iħallas multa w jottempra ruħu mall-liġi *ai termini* tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 43(1) u (2) tal-Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati mghotija fit-22 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li semghet il-provi u semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza, ddikjarat li peress li

l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx pruvati sal-grad rikjest mill-ligi iddikjarat lill-imputat mhux hati tal-istess imputazzjonijiet u konsegwentement illiberatu minnhom.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lil Francis Stivala ħati tal-imputazzjonijiet kollha, u teroga l-piena komplessiva kontrih skond il-Liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali:

Illi fid-29 ta' Novembru 2012, l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l- artikolu 45(4) tal-Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għaddiet għad-deċiżjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-provi, kif ukoll interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-Liġi.

Illi minn qari tas-sentenza appellata, jidher ċar illi l-Ewwel Onorabbli Qorti rritjeniet li ma nġabet l-ebda prova konklussiva li l-blokka in kwistjoni ma kienetx attrezzata b'tali mod u manjiera li tipprovdi akkomodazzjoni komda, in konformita` mal-liċenzja. Dan pero` il-Qorti għamlitu mingħajr ma analiżżat:

a) l-imsemmija liċenzja,
b) ix-xhieda ta' Noel Aġius, u
c) r-rapport u r-ritratti esebiti fil-proċess.

Illi l-ġestjoni tal-aparthotel in kwistjoni hija rregolata mir-regolament 6 tal-Avviż Legali 82 ta' l-2002, taħt il-klassifika ta' 'self-catering unit'.

Illi fir-rigward tal-kmamar tas-sodda r-regolament jiddetta t-tali kundizzjoni:

6.2.4.10 Stat tajjeb ta' l-għamara: bini fis-sod, ebda sinjal, jew ftit li xejn, li għaddej iż-żmien minn fuqha, tqagħbir.

Illi mir-ritratti esebiti jirriżulta b'mod inekwivoku illi l-appellat kien qiegħed joffri akkomodazzjoni lit-turisti meta l-appartamenti in kwistjoni kienu mgħamra b'għamara ta' kwalita` inferjuri. Ir-ritratt a fol.8 juri gwardarroba mħażża fl-appartament numru 13A, dak a fol. 9 juri komodina mtebba fl-appartament 9A, u r-ritratt a fol. 10 juri l-kundizzjoni makabra tal-għamara fl-apartament 19.

Illi fir-rigward tal-kmamar tal-banju, r-regolament 6 tal-istess Avviż Legali jistipula s-segwenti kundizzjonijiet:

6.3.4.2 Stat tajjeb ta' porċellana sanitarja: bla tqagħbir, xquq, tixlif, tbajja' jew simili.

6.3.4.7 Tindif sew ta' porċellana sew ta' porċellana sanitarja: mingħajr tbajja' ta' l-ilma jew simili.

Illi mir-ritratti jirriżulta illi l-appellat kien qiegħed joffri akkomodazzjoni lit-turisti meta l-appartamenti in kwistjoni kienu mgħamra bi kmamar tal-banju antikissimi fi bżonn imminenti biex jinbidlu (vide fol. 11-15 u 25-27 tal-proċess).

Illi mix-xhieda ta' Noel Aġius u r-ritratt a fol. 17 tal-proċess kien ippruvat illi l-bank tal-kċina fl-appartament 18 għandu kexxun nieqes, kif ukoll *extractor* nieqes, bi ksur tar-regolamenti 6.4.1.6 u 6.4.4 tal-Avviż Legali 82 ta' l-2002, liema regolamenti jiddettaw it-tali kundizzjonijiet: 'Stat tajjeb ta' l-għamara: bini fis-sod, ebda sinjal, jew ftit li xejn, li għaddej iż-żmien minn fuqha, tqagħbir'; 'Ventilazzjoni forzata jew estrazzjoni viċina għal post fejn isir it-tisjir'.

Illi di più ir-ritratti esebiti a fol. 21 u 22 juru *corrosion* u sadid tal-mixers, u s-sink tal-kċina, fl-appartament numru 13A. *Inoltre*, mir-ritratti a fol. 19 u 20 jirriżulta b'mod inekwivoku illi l-appellat kien qiegħed joffri akkomodazzjoni lit-turisti meta l-appartament innumerat 12A kien mgħammar bi friġġ imsadda li tipperikola l-iġjene fl-ippreservar tal-ikel, u dan in vjolazzjoni tar-regolament li jistipula t-tali kundizzjoni:

6.4.1.9 Kull tagħmir għandu jkun jaħdem sew (Verżjoni bl-ingliż: 'All appliances in good functional order').

Illi jirriżulta b'mod ċar illi l-Avviż Legali 82 ta' l-2002 jirrikjedi ż-żamma ta' ċerti standards, anke f'aparthotel ta' klassifikazzjoni ta' żewġt istilel, kif propju huwa l-każ għac-'Chantilly Court Aparthotel'. *Una volta*, tali standards ma jkunux miżmuma, l-artikolu 43(1)(b) jistipula piena ta' multa/priġunerija kontra l-*licensee*, kif ukoll ordni mill-Qorti lil ħati sabiex ineħħi l-kawżi tar-reat u josserva l-kundizzjonijiet imposti fil-liċenzja.

Illi permezz ta' ittra esebita a fol. 35 tal-proċess, datata 6 ta' Ottubru 2011, u *dunque* miktuba wara l-ispezzjoni msemmija, l-appellat Francis Stivala kien kiteb lill-Awtorita` sabiex tgħinu jottjeni l-permessi mill-MEPA sabiex jimmodernizża l-blokka in kwistjoni, li skond hu

għandha bżonn: *'upgrade and refurbish [of] the entire property and contents'*. Illi permezz ta' din l-ittra l-appellat stess jistqarr bil-miktub kemm fil-fatt il-blokka 'Chantilly Court Aparthotel' ma kienetx in konformita` mall-istandards rikjesti mil-liċenzja u l-Liġijiet tat-Turiżmu fuq msemmija.

Illi a bażi tas-suespost u mill-assjem tal-provi prodotti, l-esponent Avukat Ġenerali bir-rispett jissottometti illi, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx leġittimament u raġonevolment tasal għal-liberatorja tal-appellat Francis Stivala.

Ikkonsidrat,

Ikkunsidrat:

L-appellat Francis Stivala huwa direttur tas-socjetà Coot Services Limited illi topera l-lukanda Chantilly Court Aparthotel fi Triq l-Università, l-Imsida. Din il-proprjetà inbniet fil-elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) u fl-elfejn u tmienja (2008) haditha s-socjetà fuq imsemmija biex tittrasferomha f'hostel ghall-istudenti. Stivala ried jaghmel upgrade tal-lukanda però kellu problemi kbar mal-MEPA. Fid-dsatax (19) ta' Lulju tal-elfejn u hdax (2011) Noel Agius flimkien ma' Malcolm Zerafa ghan-nom tal-MTA ghamlu spezzjoni f'dan il-fond fejn dan sabuh b'hafna nuqqasijiet u "well below standard" u iddecidew illi jipprocedu kontra Stivala dwar il-ksur tal-licenzja kif ukoll minhabba l-kondizzjoni li kienet fiha l-lukanda.

B'sentenza moghtija fil-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru tal-elfejn u tnax (2012) (fol 43) l-appellat gie liberat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Izda sar appell kemm mill-Awtorità tat-Turizmu u kif ukoll mill-Avukat Generali. Dan tal-ahhar jilmenta illi sar apprezzament zbaljat tal-provi u interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi.

Permezz ta' verbal maghmul fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Gunju tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 75) l-appellat eccepixxa n-nullità tal-appell tal-Avukat Generali peress illi ma jissodisfax il-

vot rikjest mill-artikolu 413 tal-Kap 9. Permezz ta' sentenza preliminari ta' din il-Qorti tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti cahdet din l-eccezzjoni tal-appellat u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tikkonsidra l-appell tal-Avukat Generali trid tiddisponi mill-appell tal-Awtorità tat-Turizmu, l-ewwel nett ghaliex ma kienx jispetta lill-parti civili illi taghmel appell u di più fih hafna nuqqasijiet procedurali li ma jissodisfawx l-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat:

Il-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. U hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Alfred Vella" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) fejn fost affarijiet ohra qalet, "Jistghu jappellaw il-persuna misjuba hatja f'kull kaz (artikolu 413(1)(a)) u fil-kazijiet espressament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) l-Avukat Generali u fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 373 il-kwerelant. Jigifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta: (a) ir-reat ikun ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun jinkwadra dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien mal-artikolu 371; (b) l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela tal-offiz; (c) il-Prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut fl-artikolu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod illi s-sentenza tinghata fil-konfront tal-kwerelant (l-offiz) u l-kwerelant (l-imputat) (u ghalhekk mill-okkju tas-sentenza jkun jidher illi l-partijiet fil-kawza huma l-kwerelant u l-imputat u mhux Il-Pulizija u l-imputat).".

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija fuq rapport maghmul mill-MTA. Però din tal-ahhar qatt ma hadet parti direttament fil-kawza. Se mai, l-MTA setghet tikkostitwixxi ruhha bhala parti civili fil-kawza fit-termini tas-sub artiklu 3 tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali (ara ukoll "Il-Pulizija versus Jacqueline Leonard", Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar 2011).

Ghalhekk din il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-Awtorità kellha dritt tappella mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Però dato non concesso anke jekk kellha dan id-dritt l-appell huwa affett minn difetti formali li jgib bhala konsegwenza n-nullità tieghu.

Ikkunsidrat:

L-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali jghid espressament x'ghandu jkun fih ir-rikors tal-appell "taht piena ta' nullità" u cioé l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet tal-appell, it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sena tal-Qorti Inferjuri. Il-Qorti ssib illi r-rikors tal-MTA la fih il-fatti fil-qosor u lanqas ma hemm it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-Qorti Inferjuri. Fil-kawza "Pulizija versus Nicholas Mallia" deciza fil-5 ta' Gunju 1996 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet, "Il-karenza ta' wiehed mir-rekwiziti tal-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali hija sollevabbli ex officio. Bil-fatti fil-qosor wiehed jifhem illi l-fatti saljenti tal-kaz, esposti b'mod car izda konciz, u b'tali mod illi kemm l-intimat kif ukoll il-Qorti jkunu jistghu mal-ewwel jaqbdu x'inhuma l-fatti kif allegati mill-istess appellant. Ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk dawn il-fatti jkunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom jew jekk ikunu maghguna mal-aggravji. Bhalma l-indikazzjoni tal-aggravji ma tistax issir b'semplici riferenza ghall-fatti, hekk ukoll il-fatti jridu jkunu esposti indipendentement mill-aggravji, liema aggravji jistghu jkunu kemm fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' dritt, sostantiv jew procedurali." Il-gurisprudenza hija ormai kopjuza dwar in-nullità ta' rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor. Ma hix gurisprudenza ifformulata fuq formalizmu jew inflessibiltà procedurali izda gurisprudenza ibbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi. Veru illi din il-Qorti m'ghadhiex izzomm idejha daqshekk iebsa dwar dan l-artikolu 419 u sanat rikorsi fejn ikun hemm vjolazzjoni ta' xi wahda minn dawn

ir-rekwiziti li ma jkunx daqshekk serju specjalment fejn jirrigwarda t-talba ghar-riforma jew thassir. Però r-rekwiziti jridu jkunu hemm kollha, imqar zewg linji, biex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi. Izda f'dan il-kaz ma hemm assolutament xejn dwar il-fatti u di più l-paragrafu konkluzjonali ma jitlob xejn minghand il-Qorti tal-Appell. Ghalhekk, zgur taht dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax bl-ebda sforz tal-immaginazzjoni tissana l-appell tal-awtorità tat-Turizmu u ghalhekk tiddikjarah irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu.

Mhux l-istess l-appell tal-Avukat Generali illi ma fih l-ebda mankament procedurali u hu accettabbli f'kull sens tal-ligi.

Ikkunsidrat:

Kif già nghad l-aggravvju tal-Avukat Generali huwa ibbazat fuq apprezzament zbaljat tal-provi kif ukoll interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Ghamel ampja referenza ghal dokumenti kif ukoll ir-ritratti li ttiehdu minn Noel Agius waqt li kienet qed issir l-ispezzjoni u jghid fost affarijiet ohra "illi mir-ritratti esebiti jirrizulta b'mod inekwivoku illi l-appellat kien qieghed joffri akkomodazzjoni lit-turisti meta l-appartamenti inkwistjoni kienu mghammra b'ghamara ta' kwalità inferjuri ...". L-Avukat Generali jkompli jelenka paragrafu b'paragrafu n-nuqqasijiet li kien hemm f'din il-lukanda dejjem taht il-premessa illi l-appellat kien qieghed joffri akkomodazzjoni lit-turisti.

Ikkunsidrat:

Veru illi r-ritratti juru dan il-fond fi stat dizastruz u ma tridx tkun xi espert fl-ghamara biex tirrealizza l-kondizzjoni hazina taghha, inkluz il-kondizzjoni tal-kmamar tal-banju. Però min-naha l-ohra mkien ma rrizulta illi dakinhar illi saret l-ispezzjoni kien hemm xi klijenti fil-lukanda. Noel Agius fix-xhieda tieghu irrefera ghal block A illi ma kienx qed jigi uzat

però ma qalx jekk il-blokok l-ohra kienux fil-fatt qed jigu uzati bin-nies akkomodati fihom u ma rrizultax bl-ebda mod illi l-appellat kien qed joffri dawn il-kmamar lit-turisti.

L-appellat spjega illi ried jaghmel "upgrade" però kellu problema mal-MEPA, haga illi Noel Agius jikkonferma meta qal illi Francis Stivala ried jaghmel "upgrading" però jaf illi kellu l-problemi. Quddiem din il-Qorti Stivala qal illi kien lest li jsir "upgrade" ta' zewg miljun ewro, però l-MEPA damet ma harget il-permess ghall-"upgrading" tal-fond u meta saret l-ispezzjoni l-fond kien ghadu l-istess bhalma kien meta nbena fl-elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) minkejja illi l-licenzja kienet qed tigi mgedda kull sena sa mill-inqas elfejn u tmienja (2008). Fi zmien sitt (6) xhur illi l-fond gie f'idejn Stivala applaka ghall-"upgrading" però, kif inghad, il-MEPA damet hafna ma tohrog il-permess sakemm fl-ahhar dan inghata fl-elfejn u hdax (2011) wara illi saret l-ispezzjoni msemmija. Ix-xoghol beda fi Frar tal-elfejn u tnax (2012) u spicca f'Gunju tal-elfejn u tnax (2012). Ma jidhirx illi saru ilmenti ohra wara din id-data.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-ispezzjoni saret fi zmien meta l-appellat ma seta' jaghmel xejn. Il-fond kien ilu f'idejh mill-elfejn u tmienja (2008) u minkejja illi applika ghal "upgrading" din l-applikazzjoni baqghet mhux approvata sal-elfejn u hdax (2011) u cioé wara l-ispezzjoni tal-ispetturi. Bejn l-elfejn u tmienja (2008) u l-elfejn u hdax (2011) l-appellat ma seta' jaghmel xejn b'dan il-fond ghax altrimenti jkun qieghed jikser il-ligi jekk jaqbad jaghmel "upgrading" minghajr il-permess tal-awtoritajiet. Ma kienx tort tal-appellat illi l-fond kien fi ksur tal-ligi. Però lanqas seta' josserva l-kondizzjonijiet tal-licenzja minghajr l-awtorità tal-MEPA, liema awtorità damet hafna ma tinghatalu u mkien ma jirrizulta mill-atti illi f'xi hin jew xi zmien dan il-fond kien offrut ghall-akkomodazzjoni tan-nies.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------